kummissjoni djoċesana żgħażagħ

# Media Release

492, Flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **To:** | All Media | **Attn:** | The Editor |
| **From:** | KDŻ Marketing Team | **Date:** | 28/12/08 |
| **Ref:** | KDŻ 10/08 | **Pages:** | 1 |

The Editor,

I am sending the below information for your perusal and publication. I would like to thank you in advance for your service and for any exposure that you may give us to continue helping Maltese Youth we work with.

## Over a thousand young people pass their messages to the Archbishop

Young people from different backgrounds and environments will be gathering at the Archbishop's Palace in Valletta to pass on their greetings for the new year to the bishops. During this meeting with the Archisbiship they will be presenting a diary in which about a thousand young people have written their message. A reply to the Archbishop's letter to young people propagating the challenge 'Be protagonists in the Church of the Third Millennium' of the 30th November 2008 will also be presented as part of this diary. The aim of this exercise is to enable young people to actively voice their concerns and suggestions, hence being active contributors themselves within the Diocese. This work was co-ordinated by the Diocesan Youth Commission (KDZ) in close collaboration with different members of orgnisations, movements, parishes and schools from ecclesial and lay communities.

-------------------------------------

## Twegiba miz-zghazagh Maltin
## lill-Arcisqof Mons. Pawl Cremona OP
## ghall-ittra 'Kunu protagonisti fil-Knisja tat-Tielet Millenju'

Għażiż Arċisqof Cremona,

Nixtiequ nirringrazzjawk talli anki din is-sena għażilt li tagħti lilna ż-żgħażagħ messaġġ biex jiggwidana u jispirana matul din is-sena liturġika. Aħna naraw f'dan il-messaġġ konferma ta' l-impenn tiegħek u tal-Knisja f'Malta favur iż-żgħażagħ.

Is-sena li waslet biex tispiċċa kienet waħda memorabbli għalina ż-żgħażagħ li niffurmaw parti mill-Knisja f'Malta. F'diversi okkażjonijiet inti għażilt li tingħaqad magħna, kif fakkartna inti stess fil-messaġġ tiegħek, f'ċelebrazzjonijiet speċjali fil-

Knisja, f'okkażjonijiet differenti fis-soċjetà, f'ħinijiet ta' riflessjoni, djalogu... Infakkru b'mod partikolari l-vġili ta' Pentekoste meta minkejja l-maltemp, iċċelebrajna flimkien il-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu u s-sejħa tiegħu biex inkunu xhieda. F'Lulju, imbagħad, ingħaqadt ma' grupp minnha fil-pellegrinaġġ lejn Sydney fl-okkażjoni tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ... għalina din kienet okkażjoni speċjali. Għall-ewwel darba, il-mexxej tal-Knisja f'Malta ngħaqad ma' grupp ta' żgħażagħ għall-pellegrinaġġ fl-okkażjoni ta' din l-ikbar laqgħa għaż-żgħażagħ fid-dinja.

Matul l-2008 rriflettejna fuq it-tema li l-Papa Benedittu XVI għażel għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ Intom ikollkom il-qawwa, meta jiġi l-Ispirtu s-Santu fuqkom,u tkunu xhud tiegħi" (Atti 1:8). Fil-messaġġ tiegħek għal din is-sena ressaqtilna sfida dwar kif nistgħu nkunu xhieda tassew. Ippreżentajtilna mudell lil Pawlu ta' Tarsu, żagħżugħ mimli ħeġġa li għaraf is-sejħa li għamillu Kristu u minn persegwitur tiegħU u tal-Knisja nbidel f'persuna li tat kollox għaliH; li għaraf ikun protagonist fix-xandir tal-messaġġ ta' Kristu u fl-istess ħin protagonist fl-istess Knisja li Kristu waqqaf.

**Protagonisti**

L-isfida li inti għamiltilna biex fuq il-mudell ta' Pawlu nkunu protagonisti hi waħda li timlina kuraġġ. Aħna nilqgħu bil-qalb l-isfida biex inkunu protagonisti, u nfittxu li nagħrfu nimxu fuq il-passi ta' Pawlu. Kif taf, u l-messaġġ juri li inti għaraft dan, aħna ż-żgħażagħ ma nieħdu xejn for granted, m'aħniex lesti li naċċettaw l-affarijiet sempliċiment 'għax hekk'. Anzi aħna nistaqsu: għalfejn? kif u x'fatta? Ħafna drabi nħossu li s-soċjeta' tgħid u tagħmel affarijiet b'mod li ma jagħmilx sens, b'mod mhux tajjeb, u nixtiequ li l-affarijiet isiru b'mod differenti... aħjar. Ħafna drabi nħossu li s-soċjeta' tikkumplika l-affarijiet, toħloq proċessi u burokraziji żejda, tkun kuntradittorja, tippriedka affarijiet u tagħmel bil-kontra, tinħela f'dibattiti inutli u dak li hu ovvju, għall-inqas kif narawh aħna, ma jsirx.... Xi drabi anki l-Knisja narawha li tinqabad f'dan iċ-ċiklu.

Inħossu u nemmnu li aħna għandna sehem x'nagħtu biex l-affarijiet isiru aħjar. Fl-ittra tiegħek semmejt liż-żgħażagħ li b'qilla simili għal dik ta' Pawlu jitqabdu biex jiddefendu l-ambjent jew xi kawża oħra. Iva. U numru minna lesti, u diġa' qed jagħmlu l-istess għal Kristu. Għalhekk, is-sejħa tiegħek biex inkunu protagonisti tagħmel ħafna sens għalina. Mhux biss, iżda nħeġġuk biex tgħinna ħalli nkunu nistgħu nwettquha tassew.

San Pawl kien protagonist fil-Knisja tal-bidu. San Pietru, jew Kefas kif isejjaħlu Pawlu fl-ittri tiegħu, laqgħu u aċċettah. Ma kenitx faċli għall-Knisja tal-bidu li taċċetta f'nofsha lil dak li kien, sa ftit taż-żmien qabel, jippersegwitaha u li wieħed minn dawk li kellhom is-sehem fit-tħaġġir ta' Stiefnu, wieħed mill-grupp ta' ġewwa. Hekk ukoll ma kienx faċli li l-Appostli u dawk li kienu jmexxu l-Knisja jilqgħu l-ideat differenti li huwa kellu. Faċilment setgħu jqisuh bħala sfida għalihom infushom u l-pożizzjoni tagħhom. Hu stess mhux l-ewwel darba li ma qabilx magħhom, anzi saħansitra kien hemm okkażjoni meta ċanfar lil Pietru. Ukoll, kien lest li jmur Ġerusalemm minn Antijokja fejn flimkien ma' l-Appostli u l-mexxejja tal-Knisja

ddiskutew u Pawlu kkonvinċiehom li ma għandux ikun hemm ċirkonċiżjoni għall-pagani. Hekk, il-Knisja tal-bidu mhux biss tat spazju, iżda qagħdet tisma' lil dak li kellu xi jgħid Pawlu... ippermettietlu jkun ma' ta' ġewwa u jikkontribwixxi għad-diskussjoni u fit-teħid tad-deċiżjonijiet. Għaliex aċċettatu, tagħtu l-ispazju jkun strument tax-xandir tal-Kelma ta' Alla u jxandarha fost dawk li ma kinux Lhud. Iż-żagħżugħ Pawlu kien determinat li jkun protagonist... il-Knisja tagħtu l-ispazju biex ikun u semgħetu.

Fl-aħħar snin fil-Knisja f'Malta rajna żieda fl-opportunitajiet biex iż-żgħażagħ isemmgħu leħinhom fil-Knisja, u okkażjonijiet fejn żgħażagħ ikunu involuti fl-istrutturi tal-Knisja. Inti stess, bħala Kap tal-Knisja f'Malta taħtaf kull opportunita' biex tiltaqa' magħna u tismagħna. Inti stess sejjaħtilna biex inkunu 'leaders' fil-komunita'  Nisranija. Aħna napprezzaw dawn l-isforzi tiegħek u nixtiequ li jkun hemm dejjem iżjed opportunita' biex inkunu nistgħu nagħtu s-sehem tagħha... nagħtu iżjed ideat u niddiskutuhom, iżda mhux biss... nixtiequ nagħtu iżjed il-kontribut tagħna billi nkunu iżjed preżenti fl-istrutturi differenti, ngħidu aħna l-parroċċi, l-iskejjel, l-istrutturi djoċesani... nikkontribwixxu biex jittieħdu iżjed deċiżjonijiet... inkunu strumenti fit-twettiq ta' dawn... inkunu wkoll protagonisti fil-ħajja tal-Knisja u nkunu 'leaders'... u b'hekk aħna ż-żgħażagħ inkunu nistgħu niżviluppaw bħala żgħażagħ attivi fil-komunitajiet differenti tal-Knisja u fl-istess ħin ngħinu biex hi, anki fl-istrutturi tagħha, tkun iżjed żagħżugħa.

**Klikek u Lingwa**

Żewġ ġlidiet kbar li kellu San Pawl kienu l-ħidma biex tiġi abolita d-differenza bejn gruppi differenti (bejn min hu Lhudi u min hu Grieg, min hu ta' Pawlu u min mhuwiex), u dik biex il-pagani ma jkunux suġġetti għaċ-ċirkonċiżjoni. Naħsbu li r-riflessjoni fuq dawn l-esperjenzi ta' Pawlu wkoll jistgħu jgħinuna fir-riflessjoni tagħna dwar kif inkunu iżjed protagonisti tassew.

Aħna ngħixu f'pajjiż fejn il-qasmiet u l-firdiet huma ħafna... fil-politika l-partiti ma jaqblux bejniethom qishom għall-gost li ma jaqblux, imbagħad naraw id-differenzi u l-ġlied bejn gruppi differenti fil-festi, differenzi bejn għaqdiet li suppost qed jaħdmu għall-istess għan, xi minndaqqiet anki tal-Knisja, jikkompetu ma' xulxin... il-lista' tista' tibqa' sejra. Dawn huma esperjenzi li lilna jkissruna u jnaffruna... iżommuna 'l bogħod. Mhux għax irridu li kulħadd jaħseb l-istess... anzi. Aħna ż-żgħażagħ, kif taf, inħobbu nkunu flimkien, ningħaqdu u nieħdu gost flimkien. Inħobbu nkunu u nieħdu gost ma' min hu differenti għaliex nagħrfu dak li jgħaqqadna u mhux dak li jifridna. Inti stess kont magħna fil-Jum Dinji taż-Żgħażagħ, festa liema bħalha ta' diversita' u tolleranza li ġabet flimkien żgħażagħ mid-dinja kollha. Veru mhux dejjem naqblu, anzi nieħdu gost niddiskutu bejnietna ħalli nimxu 'l quddiem bl-ideat differenti tagħna. Inħobbu nikkompetu bejnietna iżda b'mod san, bħal fl-isports, fl-għarfien li billi nkunu differenti nistgħu nimxu iżjed 'il quddiem. Allaħares kulħadd kien l-istess għax inkella d-dinja tkun monotona. Id-dinja hi sabiħa għaliex hi mżewqa b'ħafna kuluri li meta jiġu flimkien ilewnu d-dinja, bħal qawsalla wara s-sħab iswed tal-maltemp. Nemmnu li bħala Knisja, flimkien miegħek, irridu nikbru fl-għarfien ta'

dan. Hekk, flimkien, insiru bħal qawsalla ta' kuluri fejn kull kulur ikollu l-ispazju tiegħu, u flimkien ma' l-oħrajn joħloq xi ħaġa sabiħa.

Ħafna drabi d-differenzi bejnietna jibdew għaliex ma nifhmux lil xulxin. Minħabba li nitkellmu lingwaġġ differenti; ħafna drabi nispiċċaw ninterpretaw lil xulxin ħażin u ħafna drabi ta' bnedmin li aħna, nikkundannaw lil xulxin. Ħafna żgħażagħ bħalna ma jifhmux il-lingwaġġ tal-Knisja, hekk kif, ħafna drabi l-Knisja ma tifhimx il-lingwaġġ li nitkellmu bih aħna... bħal ma l-klikka tal-Fariżej fil-Knisja tal-bidu ma setgħetx tifhem kif persuna setgħet tkun ta' Kristu mingħajr ma tagħmel iċ-ċirkonċiżjoni. Kienu jitkellmu lingwaġġ differenti. L-Ispirtu s-Santu għen lill-Appostli jitkellmu b'ilsna differenti u jinftehmu minn min irid jifhem... Bħala Ragħaj tal-Knisja f'Malta mexxina ħalli nkunu iżjed Knisja miftuħa għall-Ispirtu s-Santu biex jgħinna nitkellmu b'ilsna differenti u nifhmu lil min ikun qed jitkellem b'lingwaġġ differenti, biex flimkien, bħala protagonisti nagħrfu ninbidlu u nkunu tassew Knisja xiehda tiegħU.

**Sejħa, Missjoni u Direzzjoni**

Il-ħajja u l-ġrajja taż-żagħżugħ Pawlu twassalna biex naraw kemm Alla jaf jisfrutta l-enerġija taż-żogħżija biex flimkien mal-qawwa ta' l-ispirtu tiegħu jwassal fid-dinja l-imħabba tiegħu għall-bniedem. Kif għedtilna inti, għażiż Arċisqof, il-mistoqsijiet 'Min int Mulej?' u 'X'għandi nagħmel Mulej?' għandhom, bħal ma kienu għal Pawlu, ikunu stil ta' ħajja fl-iskoperta kontinwa ta' min hu Ġesù u x'inhi r-rieda tiegħU għalina fil-preżent dejjem jinbidel tagħna.

Pawlu għaraf jiskopri s-sejħa li kien qed jagħmillu l-Mulej Ġesù, jirrifletti fuq x'setgħet tfisser u jwieġeb għaliha billi ddedika ħajtu għat-twassil tal-messaġġ ta' Kristu... traduċa s-sejħa f'azzjoni konkreta. Aħna ż-żgħażagħ, bħal Pawlu, ninsabu wkoll fil-mument ta' l-għażla dwar il-futur ta' ħajjitna. Nippruvaw nifhmu għal xiex qed isejħilna l-Mulej. Mhux faċli nisimgħuh! Jeżisti ħafna storbju li jfixkilna. Nisimgħu ħafna ilħna kuntradittorji u diversi ilħna li jaqtgħulna qalbna. Inħarsu b'kuraġġ lejn ir-rgħajja fil-Knisja biex jgħinuna fil-proċess ta' riflessjoni tagħna, fl-ispjega ġenwina tal-għażliet quddiemna u fil-konferma tar-rieda ta' Alla għalina.

Fil-messaġġ tiegħu fl-okkażjoni tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ ta' din is-sena, il-Papa Benedittu XVI sejjaħ liż-żgħażagħ biex ikunu xhieda u missjunarji tal-messaġġ ta' Kristu. Pawlu kien propju dan - protagonist biex iwassal il-messaġġ ta' Kristu bil-kliem u bl-għemil. Ħafna drabi faċli nieqfu fuq it-twassil tal-messaġġ u ma nagħmlux il-pass biex dan nittraduċuh f'għemil favur min hu fil-bżonn: li nisqu lil min hu bil-għatx, nitimgħu lil min hu bil-ġuħ, inżuru lil min hu marid jew fil-ħabs... insomma, inkunu hemm għal min hu fil-bżonn. Il-mudell ta' Pawlu u d-direzzjoni tal-Knisja jgħinuna nkunu protagonisti f'dan ukoll.

Finalment, il-Papa għadu kemm ippropona liż-żgħażagħ tema għar-riflessjoni għall-2009: 'It-tama tagħna hi f'Alla l-ħaj'. Faċilment naqgħu fit-tentazzjoni li f'dak li nagħmlu nfittxu li nidhru aħna, jew inqiegħdu t-tama tagħna fil-flus, fix-xjenza, fit-teknoloġija, fil-karriera, f'persuni oħra... Inti ppreżentajtilna kliem Pawlu: 'Ngħix,

imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu'. Ukoll 'Meta jien wasalt fostkom, ħuti, ma ġejtx inħabbrilkom il-misteru ta' Alla bi kliem kbir jew għaref. Ma ppretendejtx li kont naf xi ħaġa fostkom, ħlief lil Ġesù Kristu, u lil dan imsallab. U jien ġejt għandkom dgħajjef, imbażża' u mriegħed... biex il-fidi tagħkom tinbena mhux fuq l-għerf tal-bniedem, imma fuq il-qawwa ta' Alla'.

Għażiż Arċisqof, aħna ż-żgħażagħ nilqgħu bil-qalb l-isfida biex fuq il-mudell ta' Pawlu nkunu protagonisti kemm fil-ħajja tal-Knisja kif ukoll sinjali ta' ħasda fis-soċjetà ta' madwarna fl-għażla tagħna li nqiegħdu t-tama tagħna f'Alla l-Ħaj. Naraw fis-sejħa tiegħek mhux biss l-impenn tal-Knisja li toħloq iżjed spazju għalina ż-żgħażagħ biex inkunu tassew protagonisti attivi, iżda wkoll xewqa li titkellem magħna bil-lingwaġġ tagħna u permezz tagħna. Hekk, mhux biss nieħdu f'idejna l-wirt mogħti lilna minn Missierna San Pawl, iżda wkoll nagħmluh tagħna bħala parti mill-Knisja li hija aħna.

________________________________________________END■■■■________